Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 430 / 2016

Il-Pulizja

Spettur Luke Bonello

Vs

Charles Magri

Illum 31 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Charles Magri detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 109384 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar il-15 t' April, 2016 ghal habta tal-ghaxra nieqes ghaxra ta' bil-lejl (21.47 hrs) gewwa dawn il-Gzejjer Maltin:

1. Bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil Vanessa Zammit biza' li se tinuza vjolenza kontra taghha jew kontra il-propjeta' taghha jew kontra il-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa jew familjari ohra taghha;
2. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b' mod iehor lil Vanessa Zammit;
3. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat jew bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex jaghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li jgieghel lil Vanessa Zammit taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, jew hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra taghha, jew biex immalafamajt lil Vanessa Zammit, jew xi persuni ohra jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-20 ta' Settembru, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli indikati; u cioe l-artikoli 251 B (1) u 339 (1) (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 49 (a) (b) (c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mill-provi prodotti hemm zewg verzjonijiet konfliggenti, izda thoss li l-aktar verzjoni kredibbli hija dik tal-Parte Civile u dan, in vista li m' hemm l-ebda prova ohra cirkostanzjali, il-Qorti sabet lill-imputat Charles Magri hat ital-akkuzi kif dedotti kontrih u minflok infliggiet piena imponiet digriet that l-Artikolu 412 C tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Charles Magri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-30 ta' Settembru, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Settembru, 2016 fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi fejn l-appellant instab hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu w tillibera lir-rikorrenti minn kull imputazzjoni u htija.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

L-imputat appellant u l-parte civile kellhom tifel minn relazzjoni extra konjugali u peress li r-relazzjoni taghhom thassret snin ilu huma ftehmu dwar l-kura u kustodja u access in relazzjoni ma' binhom. Dakinhar inqala' dizgwid bejniethom peress li t-tifel esprima x-xewqa li dakinhar jorqod ghand ommu, meta suppost kellu jorqod ghand missieru. Il-missier issuspetta li din kienet biss manuvra messa in scena biex l-0mm traqqad it-tifel maghha barra l-granet u hinijiet allokati lilha u meta avzatu li kienet sejra d-dar tieghu biex tigbor it-tifel huwa cempillha u qalilha biex ma tersaqx. Huwa xehed bl-aktar mod car u konvincenti li fl-ebda mument ma heddedha jew b' xi mod intimidahha. Hija xehdet il-kuntrarju.

Illi l-Qorti, minkejja l-kunflitt manifest, hasset li l-versjoni tal-parte civile kienet aktar kredibbli u dan minkejja li fil-kors tax-xhieda taghha qalet affarijiet li ma jitwemmnux u li jimmilitaw kontra l-kredibilita' taghha stess. Infatti fil-kors tax-xhieda taghha hija stqarret li kienet tghix Haz-Zebbug mal-genituri taghha u li kellha titlaq minn Haz-Zebbug u tmur tghix band' ohra minhabba l-agir intimidatorju tal-appellant. Mix-xhieda taghha stess irrizulta li altru li kienet imbezza ghaliex ammettiet li kienet tmur tigbor it-tifel mid-dar ta' missieru almenu darbtejn fil-gimgha go Haz-Zebbug stess u kien ikun il-missier stess li jikkonsenja t-tifel lill-ommu. Apparti l-fatt l-iehor li l-parte civile gejja u sejra Haz-Zebbug biex izzur lill-qrabatha. Huwa minn ewl id-dinja li persuna li thossha imbezza' u li ma jkolliex alternativa hlief li titlaq minn post biex mhux tirrisjedi f' post iehor ma tmurx tigbor it-tifel regolarment mid-dar ta' dik il-persuna l-ohra li jkun is-sors ewlieni ghall-bizghat taghha. Huwa evidenti li l-parte civile marret tghix f' lokalita ohra ghal ragunijiet totalment estraneji ghal xi bizghat li allegatament l-imputat ittrasmetta fuqha.

Illi minn naha l-ohra l-imputat kien konsistenti fid-deposizzjoni tieghu w ma qal assolutament xejn li jista' jnaqqas minimament mill-kredibilita' tieghu.

Illi fl-ahjar ipotesi, a bazi tax-xhieda prodotta, l-imputat kellu jitwemmen u jigi illiberat ghaliex l-akkuzi ma jirrizultawx u fl-aghar ipotesi kien hemm

dubju ragjonevoli li c-cirkostanzi opportuni biex jigi applikat il-principju ta' in dublo pro reo u l-imputat jigi illiberat fuq kunflitt fil-provi.

Ikkunsidrat,

Illi qabel ma tinoltra ruhha f'ezami tal-lanjanzi imressqa 'il quddiem mill-appellanti l-Qorti ma tistax ma tosservax illi s-sentenza impunjata ma tosservax id-dettami imfassla fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali, liema disposizzjoni tal-ligi tindika dak li ghandu ikun fiha is-sentenza *ad validitatem* meta jinghad:

**"Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, <u>tagħti l-piena</u> u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."**

Illi r-*ratio legis* wara l-artikolu 382 huwa illi s-sentenza tkun cara fis-sens illi kemm il-persuna akkuzata kif ukoll kull min huwa parti fid-decizjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom l-persuna akkuzata tkun qed tigi misjuba hatja, taghti l-piena ghal dawk il-fatti li qed jistabilixxu ir-reita' u jissemmew id-disposizzjonijiet tal-ligi li dwarhom qed tinstab il-htija. Issa is-sentenza impunjata ma tinfliggi l-ebda piena fuq il-persuna misjuba hatja ghar-reati lilha addebitati izda ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni fit-termini ta'l-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali, bl-Ordni esebieta a fol.37 ta'l-atti processwali, tirriproduci dak imfisser fl-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali u mhux id-dettami tal-artikolu 412C, liema ordni di piu' jindika artikolu 412(c) li lanqas biss jezisti! Illi s-sentenza tghid hekk b'mod testwali:

"***Il-Qorti qed issib lill-imputat Charles Magri hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh u minflok tinfliggi piena qed timponi digriet taht l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta***", biex b'hekk donnu id-digriet jifforma parti mill-piena u qieghed jissostitwixxi s-sentenza.

Issa l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali ighid car u tond illi "*l-qorti tista', meta jidhrilha xieraq, biex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna ta' ħaddieħor jew sabiex jinżamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena <u>jew minflok il-piena</u> applikabbli għar-reat, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt*

*penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-qorti.*" Dan ma huwiex rifless imbaghad fl-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali li qabel xejn jitkellem fuq il-persuna li tkun giet 'mixlija' jew 'akkuzata' u mhux 'misjuba hatja' fejn il-Qorti ghandha taghti l-motivazzjonijiet taghha 'il ghala ghandha tinhareg tali Ordni fejn ghandhom jittiehdu kont tar-ragunijiet indikati fis-sub-inciz 4. Kwindi billi l-ligi ma taghti l-ebda jedd lill-Qorti tohrog Ordni ta' Protezzjoni minflok ma tinfliggi piena u dan bhal kif hemm specifikat fl-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, l-Ewwel Qorti kellha qabel xejn tghaddi biex tinfliggi piena fuq il-persuna misjuba hatja. Illi ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan fir-rikors tal-appell, din il-Qorti "*ex officio*" ma tistax thalli dan l-izball ghaddej qiesu ma kien xejn u tikkonferma, tvarja jew tirrevoka sentenza appellata li tkun nulla billi ma erogat l-ebda piena fuq il-persuna misjuba hatja.

Ghalhekk fl-ewwel lok il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata w, wara li rat il-provi traskritti u l-affidavits esebieti, ser tghaddi biex terga' tiddeciedi l-kawza fil-mertu w tikkonsidra l-aggravji tal-appellant bhala sottomissjonijiet in difeza.

Issa ezaminati l-atti tal-kawza u l-provi hemmhekk ikkumpilati ghandu johrog illi dan l-incident sfortunatament huwa frott disgwid familjari bejn koppja mizzewwga li illum huma mifrudin, izda ghandhom wild komuni bejniethom. Jidher illi inqala' disgwid bejniethom minhabba l-fatt illi l-minuri kien qed jesprimi x-xewqa illi ma jibqax jorqod ma' missieru fil-jum li fih kien imissu l-access mieghu. Tant hu hekk illi l-koppja xtaqu jirreferu din il-problema ghand psikologu. Illi fil-jum indikat fl-akkuza izda, meta allura fil-hin ta' fil-ghaxija il-minuri kien wasal ghal hin tal-irqad tieghu, huwa esprima x-xewqa li jmur id-dar ghand ommu, izda l-appellanti dehrlu illi dan l-atteggjament tat-tifel kien kollu frott ta' tixwix minn naha ta'l-omm u kien hawnhekk li saret it-telefonata inkriminatorja. Illi allura ghalkemm din il-Qorti ser tghaddi ghad-decizjoni mill-gdid billi ghal motivi hawn fuq riferiti s-sentenza appellata kellha tigi annullata, madanakollu ma hemmx dubbju illi l-Ewwel Qorti fid-diskrezzjoni fdata lilha ghamlet sewwa meta ghazlet taghti affidament lid-deposizzjoni tal-parti leza u mhux dik ta'l-appellanti. Dan ghaliex fl-ewwel lok kien l-appellanti stess li ghamel din it-

telefonata u mhux vice-versa. Dan ghamlu f'animu ta' rabbja billi kien qed jurta ruhu ghal fatt illi l-minuri ma xtaqx jibqa' jorqod mieghu u kien qed iwahhal fil-parti leza ghal dan l-atteggjament tat-tifel fil-konfront tieghu. Ma hemmx dubbju allura li l-verzjoni tal-parti leza hija wahda verosimili tant illi hija tant kienet preokkupata illi tallbet lill-pulizija jasslu sad-dar ta'l-appellanti sabiex jivverifikaw jekk il-minuri kienx qed jinkorri xi perikolu.

Issa l-appellanti jinsab akkuzat b'zewg reati u kontravvenzjoni u cioe' din ta'l-ahhar kontemplata fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 dwar it-theddid, kif ukoll ir-reat tal-hekk imsejjah 'fastidju' u dak tal-uzu hazin tas-servizzi tat-telefonija. Illi jinghad illi ghalkemm l-akkuza kontravvenzjonali tirrizulta ippruvata kif ukoll ghalhekk l-akkuza ikkontemplata fil-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta billi *ex admissis* l-appellanti stess jammetti li huwa kellem lil parti leza permezz tat-telefon, madanakollu ma jistax jinghad illi l-akkuza dwar il-fastidju giet sufficjentement ippruvata billi ma hemmx provi lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi l-attitudni ta'l-appellanti fil-konfront ta' martu kien jikkostitwixxi "*a course of conduct*". Dan ghaliex l-akkuza tirreferi car u tond ghall-okkazzjoni wahda biss bl-appellanti jigi akkuzat illi ikkometta r-reati addebitati lilu f'jum u hin specifiku u cioe' "fil-15 ta' April 2016 ghal habta tal-21:47hrs". Kwindi din l-akkuza ma tistax tissussisti.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddikjara is-sentenza impunjata nulla u bla effett skont il-ligi u bis-setgha moghtija lilha bl-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali, ghal motivi hawn fuq migjuba u wara li rat l-artikoli 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 49(a) u (c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tillibera lill-appellanti mill-ewwel akkuza, issibu hati tat-tieni u t-tielet akkuzi u tikkundannah multa ta' mitt ewro (€100). Inoltre wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lil hati taht garanzija ta' €100 ghal zmien sena mill-lum li izzomm il-kwiet ma' Vanessa Zammit

Edwina Grima
Imhallef